

# Vienna

## The Viennese Christmas Markets with a touch of Slovakia

**5 t'ijiem**

**25 - 29 ta' Novembru 09 - 13 ta' Diċembru 2024**

**Inżuru:** Vienna, Melk, Dachau, Schonbrunn Palace, Krems, Durstein, Bratislava...

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

Validu sas-6 ta' Sett

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €810 | €760 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €810 | €760 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1010 | €960 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €710 | €660 |
| Half Board | | €115 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Vienna
- 20Kgs bagalja + hand luggage
- 4 lljieli - Hotel Ananas 4 stars
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet skond il-programm (esklużi l-entraturi, cable cars u boats)
- Taxxi ta-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**It-Tnejn**
Niltaghu l-ajruport ta' Malta fid-09.30 għat-titjira KM 516 li ttir fil-11.00 u naslu Vienna fis-13.20 Wara transfer bil-coach lejn il-belt ta' **Vienna** il-belt tal-valzi u l-kapitali ta' l-Awstrija. City tour mill-isbaħ fejn se naraw postijiet ta' nteress fosthom l-**Opera House, Parliament House, St Stephen's Cathedral, Belveder Palace, Uno City, Habsburg Palace** eċċ. Wara nibqgħu sejrin lej il-Hotel Ananas 4 star ġewwa Vienna.



**It-Tlieta**
Wara li nieħdu buffet breakfast, excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Bratislava**, il-belt kapitali ta' **Slovakia**. Niskopru din il-belt fuq ix-xmara Danube billi nżuru l-**Kastell** li jiddomina l-belt, panorama mill-isbaħ. Wara mmorru ċ-ċentru storiku mimli bini maestużbħal Main Square, Frantesztan Square eċċ. Filghaxija nżuru l-**Christmas Market** ta' St Stephen Platz fejn ikun hemm għadd ta' stalls ibiegħu Christmas decorations, handcrafts, eċċ sintendi ma tonqos l'aroma tal-mulled wine u ikel tipiku..

**L-Erbgħa**
Breakfast, illum ġurnata libera biex ingawdu l-belt sabiħa ta' **Vienna.** Iżda min irid jista' jmur mat-tour leader biex tkomplu tesploraw din il-belt affaxxinanti bit toroq imżejna għal okkażjoni.

**Il-Ħamis**
Excursion mill-iżjed interessanti li teħodna ġewwa l-wied ta' **Wachau**. Hawnhekk se naraw għadd ta' villaġġi żgħar storiċi u ħelwin. Mat-triq se naraw kastelli, xenarju ta' muntanji żgħar kif ukoll il-famuża **Xmara Danube**. Inkomplu lejn **Durstein** li għandu storja ta' iżjed min 1000 sena, bid-djar u t-toroq antiki tiegħu u **Melk** bil-famuż monasteru stil barokk tal-Benedittini (dħul extra). Niritornaw il-lukanda.

**Il-Ġimgħa**
Breakfast, u tluq bil coach biex inżuru l'Palazz majestuż ta' **Schonbrunn** u l-ġonna tiegħu (dħul extra). Din kienet ir-residenza tas-sajf tal-familja Habsburg. Min iżur il-ġonna tal-palazz igawdi x-xenarju spetakolari.Wara transfer bil coach lejn l-ajruport ta' Vienna għat titjira KM 517 li ttir fl-17.00 u naslu lura Malta fis-19.20.